# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 237/17 RM**

**Elmo Insurance Limited (C-3500)**

**vs**

**Saviour Camilleri u Anthony Scicluna**

**Illum, 8 ta' Novembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' Elmo Insurance Limited fil-25 ta' Awissu, 2017 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti:-

*Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma komplessiva ta' tmint elef hames mija u tnejn u disghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€8,592.38) rapprezentanti danni, imghax, spejjez gudizzjarji u VAT li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici versu r-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijiet "Middlesea Insurance plc et vs Elmo Insurance Limited et" (M1145/2007) kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratrici tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 358.*

Rat illi s-socjeta` attrici, fir-rikors taghha, ippremettiet ukoll illi:-

*... fil-11 ta' Marzu 2006, fi Triq il-Kanun, Sta. Venera, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 358, assikurata mis-socjeta' attrici, sfat involuta f'incident awtomobilistiku fejn habtet mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABM 446, li kienet ipparkjata, appartjenenti lil terzi.*

*Fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident, is-socjeta' attrici nvokat il-contract of sale clause inserita fil-polza ta' assikurazzjoni li l-istess socjeta' kienet harget fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 358 u dan peress li qabel l-imsemmi incident kien hemm transfer of interest tal-istess vettura mill-intimat Saviour Camilleri a favur l-intimat Anthony Scicluna bla ma l-mittenti kienet taf b'dan u allura bla ma sar l-appositu endorsement tal-polza. Per konsegwenza, l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 358 ma kellhiex kopertura assikurattiva fil-gurnata tal-imsemmi incident.*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess, il-konvenuti kienu prekluzi milli jinvokaw l-istess polza sabiex ikopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi incident. Dan premess, is-socjeta' mittenti ma setghetx ma thallasx lit-terz izda dan fid-dawl tal-lodo arbitrali tal-20 ta' Marzu 2012, "salv kull dritt u/jew azzjoni si et quatenur kontra l-intimat u l-kjamat fil-kawza".*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 2016 a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effett mit-13 ta' Gunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Novembru 2017 fejn ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 u tal-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, filwaqt li huwa minnu li fil-hin ta' l-incident il-vettura kienet fil-pussess tal-intimat Anthony Scicluna, fil-verita' il-vettura kienet ghadha tghajjat lill-intimat Saviour Camilleri peress li ma kienet saret l-ebda registrazzjoni u "change of ownership" formali mal-awtoritajiet kompetenti. Konsegwentement fil-hin tal-incident ma kien sar l-ebda 'transfer of interest' u ma kien hemm l-ebda ksur tal-polza.*

3. *Illi in oltre', is-socjeta' rikorrenti qatt ma hadet xi passi ghall-kancellament tal-polza u ghalhekk il-polza kienet ghadha vigenti u tkopri r-riskji fil-hin tal-incident.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm 'transfer of interest', kwalsiasi nuqqas tal-assikurat ma kien tal-ebda pregudizzju ghas-socjeta' attrici u ma jwassalx ghar-rezoluzzjoni tal-polza billi din kienet tkopri kull sewwieq ta' 'l fuq minn 25 sena;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ix-xhieda u l-provi l-ohra mressqa.

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2018 dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum sabiex tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici;

Ikkunsidrat;

Illi din is-sentenza hija dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Saviour Camilleri u Anthony Scicluna li biha giet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-Artikolu 2153 u l-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi bl-azzjoni odjerna, is-socjeta` attrici talbet illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu somma determinata ta’ flus konsistenti *inter alia* f’dawk id-danni, imghax u spejjez li hija giet kostretta thallas in linea mal-obbligi taghha taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala assiguratrici tal-vettura IBJ-358, u dan bis-sahha tal-lodo arbitrali moghti fit-12 ta’ Marzu 2012 fil-proceduri ta’ arbitragg fl-ismijiet *Middlesea Insurance plc et vs Elmo Insurance Limited et* [M1145/2007].

Illi mill-atti tal-kawza s’issa, jirrizulta li l-fatti saljenti ta’ dan il-kaz - li huma pertinenti ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u li dwarhom ma jidhirx li hemm kontestazzjoni - huma s-segwenti:-

- Illi s-socjeta` attrici harget polza ta’ assigurazzjoni fuq bazi *third party fire and theft* a favur tal-konvenut Saviour Camilleri[1] bhala s-sid registrat tal-vettura IBJ-358 fiz-zmien tal-hrug tal-polza, liema polza kellha tkun

[1] Ara “Certificate of Motor Insurance” mahrug ghall-perijodu 14 ta’ Ottubru 2005 sa 30 ta’ Settembru 2006, fol. 30 Dok. CSH11.

valida mill-14 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru 2006, u kien fiha wkoll "*contract of sale clause*"[2];

- Illi fil-11 ta' Marzu 2006 fi Triq il-Kanun Santa Venera, il-vettura IBJ-358 kienet involuta f'incident mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABM-446 appartenenti lil terzi;
- Illi ghal xi raguni l-vettura IBJ-358 ma kienetx ghadha fil-pussess tal-konvenut Saviour Camilleri fid-data tal-incident, liema incident sehh fil-perijodu li fih il-vettura in kwistjoni kellha tkun koperta bil-polza mahruga mis-socjeta` attrici;
- Illi s-socjeta` attrici saret taf li l-vettura minnha assigurata kienet involuta fl-incident tal-11 ta' Marzu 2006, ghall-habta ta' April 2006[3], u fid-9 ta' Awwissu 2006 il-konvenut Saviour Camilleri ghamel dikjarazzjoni guramentata li huwa kien biegh il-vettura IBJ-358 lil Anthony Scicluna fid-9 ta' Marzu 2006 cioe` jumejn qabel l-incident in kwistjoni;
- Illi fl-Arbitragg [M1145/2007] fl-ismijiet *Middlesea Insurance plc et vs Elmo Insurance Limited et* liema proceduri saru kontra is-socjeta` attrici odjerna kif ukoll il-konvenuti odjerni ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita` ghall-incident awtomobilistiku tal-11 ta' Marzu 2006 u ghall-hlas tad-danni konsegwenzali, l-istess socjeta` attrici allura intimata invokat il-*contract of sale clause* fil-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni u kkontestat ir-responsabbilita` taghha bhala assiguratur tal-vettura IBJ-358 ghall-finijiet tal-obbligu taghha li thallas lit-terz skont il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[2] Vide pagna 13 tal-kundizzjonijiet tal-polza – Dok. CSH12. "*We shall not be liable to pay any claim in respect of the motor vehicle in relation to which you have entered into any transaction by way of contract of sale or purported contract of sale or the transfer of your interest in the said motor vehicle, whether such transaction constitutes a valid contract of sale of such motor vehicle.*"

[3] Vide email datat 24 ta' April 2006 [fol. 25 *tergo*] mibghut mill-assiguraturi tat-terz danneggjat, u ittra lill-konvenut Camilleri mibghuta mis-socjeta` attrici fil-25 ta' April 2006 [Dok. CSH9]

- Illi permezz ta' lodo arbitrali moghti fit-12 ta' Marzu 2012 fl-imsemmi Arbitragg M1145/2007, gie deciz li t-terz danneggjat ghandu jigi rizarcit mis-socjeta` attrici bhala l-assiguratur tal-vettura IBJ-358 ghall-finijiet tal-l-imsemmi Kapitolu 104;
- Illi l-istess socjeta` attrici giet ghalhekk ikkundannata bis-sahha tal-istess lodo arbitrali thallas id-danni sofferti mit-terz pju` spejjez u imghaxijiet kif ordnat fl-istess lodo arbitrali u f'xi zmien, is-socjeta` attrici effettivament hallset l-ammont relattiv lit-terz.
- Illi s-socjeta` attrici interpellat lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' €8,592.38 rapprezentanti s-somma li giet kostretta thallas lil terzi bis-sahha tal-lodo arbitrali, piu` spejjez taghha fil-proceduri ta' arbitragg M1145/2007 u imghax, u dan permezz ta' ittra ufficjali spedita fit-13 ta' Gunju 2016 u notifikata lil entrambi l-konvenuti fl-20 ta' Gunju 2016.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-kwistjonijiet li jehtieg li jigu determinati f'dan l-istadju fejn qed tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, huma tnejn:-

1. Jekk il-perijodu preskrittiv tal-azzjoni esperita mis-socjeta` attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti huwiex dak kontemplat mill-Artikolu 2153 jew il-preskrizzjoni kwinkwennali taht l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili; u
2. Id-data li fiha ghandha titqies li bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni applikabbli.

Ikkunsidrat;

## 1. Preskrizzjoni Applikabbli

Id-difensur tal-konvenuti, fit-trattazzjoni orali dwar l-ewwel eccezzjoni taghhom, sostna li filwaqt illi l-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenut Saviour Camilleri hija bbazata fuq ir-relazzjoni kontrattwali naxxenti mill-polza ta' assigurazzjoni u kwindi l-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak kontemplat fl-Artikolu 2156 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hemm ebda relazzjoni kontrattwali bejn l-istess socjeta` attrici u l-konvenut Anthony Scicluna. Gie sottomess illi fic-cirkostanzi, billi r-relazzjoni mal-konvenut Scicluna hija wahda extra-kontrattwali, id-danni pretizi huma derivanti minn culpa akwiljana u l-azzjoni relattiva hija konsegwentement preskritta bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjeta` attrici filwaqt li taqbel li fil-konfront tal-konvenut Savoiur Camilleri, id-danni reklamati fl-azzjoni odjerna huma danni naxxenti minn ksur ta' patt konvenzjonali u b'hekk tapplika l-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156(f), issostni li dan il-perijodu preskrittiv japplika wkoll ghall-azzjoni attrici in kwantu diretta fil-konfront tal-konvenut Scicluna, ghaliex huwa wkoll jippretendi li hemm kopertura assigurattiva ghad-danni subiti mit-terz fl-incident ikkagunat mill-vettura li allegatament kienet giet trasferita lilu.

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et**, deciza fit-13 ta' Gunju 2013, intqal hekk in propositu tal-preskrizzjoni applikabbli ghall-finijiet ta' azzjonijiet ghad-danni:-

*"Hu ribadit fil-gurisprudenza taghna li ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn – principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin;*

Huwa evidenti li bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Saviour Camilleri kien hemm rabta kontrattwali konsistenti fil-polza ta' assigurazzjoni mahruga relattivament ghall-vettura IBJ-358 li kkagunat id-danni lit-terz, liema danni qed jigu reklamati mis-socjeta` attrici fl-azzjoni odjerna.

Izda, fil-kaz tal-konvenut Scicluna, billi ma kienx l-assigurat fuq il-kuntratt ta' assikurazzjoni tal-vettura IBJ-358 izda qed jigi allegat li kien akkwista din il-vettura bi ksur tal-*contract of sale clause* fl-istess polza ta' assikurazzjoni, il-kwistjoni li tqajmet f'dan il-kaz hija jekk l-azzjoni odjerna fil-konfront tieghu, hijiex ibbazata fuq kolpa kontrattwali jew extra-kontrattwali naxxenti mid-delitt jew kwazi delitt.

Ikkunsidrat;

Illi huwa risaput illi fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni naxxenti mir-responsabbilita` kontrattwali, l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. Konformament, ir-responsabbilita` ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, li skont il-kaz ikun hemm bejn il-partijiet kontendenti. Il-gurisprudenza in materja tghallem li meta jkun hemm inadempjenza jew

twettiq hazin tal-obbligi naxxenti minn patt konvenzjonali, ma tkunx applikabbli l-*culpa aquiliana*, u biex tkun applikabbli l-*culpa aquilina* u l-preskrizzjoni relattiva ta' sentejn, jehtieg li r-responsabbilita` ma jkollha ebda relazzjoni diretta mal-kuntratt invokat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Helen Borg et vs Waterproofing-it Limited**[4], gie ribadit b'referenza ghal gurisprudenza stabbilita in materja illi:-

*"...Illi a propozitu ta' dana l-Onor. Qorti tal-Appell fi zmien aktar recenti (Busuttil vs Schembri 19 ta' Frar 1954 Vol XXXVIII-I-II pagna 292) waqt li kkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija ghallmet ukoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, izda ziedet li biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi, il-gudizzju jew il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew aquiliana u l-konkluzjoni taghha (il-kaz kien ta' bini hazin ta' hajt minn appaltatur) kienet li l-kolpa fil-prezenza ta' kuntratt, tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali".* [Enfasi ta' din il-Qorti]

Sabiex wiehed jista' jaghraf l-ezistenza ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' kontrattwali, bhala distinta min-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra kontrattwali, l-awtur Torrente jghid illi fir-responsabbilita` akwiljana "*... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."*

Issa fil-kaz ta' Anthony Scicluna, il-Qorti hija tal-fehma li r-rabta li tezisti bejnu u bejn is-socjeta` attrici hija fi kwalsiasi kaz marbuta mal-kuntratt ta' assigurazzjoni mahruga mill-istess socjeta` attrici, appuntu ghaliex il-bazi tal-azzjoni kontra dan il-konvenut hija l-allegat ksur tal-*contract of sale clause*

[4] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 2 ta' April 2007.

bit-trasferiment lilu tal-vettura koperta mill-polza tal-assigurazzjoni bi ksur tal-istess polza. Jekk mhux ghall-ezistenza ta' din il-polza ta' assigurazzjoni u l-allegat ksur tal-kuntratt, il-Qorti tqis li s-socjeta` attrici ma kien ikollha l-ebda rabta kwalsiasi mal-istess konvenut Scicluna.

Barra minn hekk, l-involviment ta' Anthony Scicluna fir-relazzjoni kontrattwali bejn Camilleri u s-socjeta` attrici huwa dovut biss lill-allegat trasferiment lilu tal-vettura bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza, u mhux lill-incident awtomobilisitiku li kienet involuta fiha l-istess vettura assigurata. Huwa minnu li l-obbligi legali u kontrattwali tas-socjeta` attrici naxxenti *ex contractu* skattaw minhabba appuntu dan is-sinistru, izda l-incident awtomobilistiku kien biss il-katalist li minhabba fih is-socjeta` attrici saret taf bl-allegat ksur tal-obbligi kontrattwali tal-kopertura assigurattiva li fl-ahhar analizi, wassal ghall-intavolar ta' din l-azzjoni.

Tabilhaqq in materja ta' assikurazzjoni, huwa principju assodat li r-responsabilita` ghar-risarciment ta' danni mhallsa mill-assikurazzjoni ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex relatata mar-responsabilità ghall-akkadut izda tali obbligu jitwieled minn inadempjenza kontrattwali da parti tal-assikurat. Fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et**[5], il-Qorti osservat illi r-responsabbilita` ghar-rizarciment ta' danni mhallsa mill-assikurazzjoni ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hijiex relatata mar-responsabbilita` ghall-akkadut, izda l-obbligu tar-radd lura ta' ammonti mhallsa mill-assikurazzjoni lil terzi jitwieled minn inadempjenza kontrattwali tal-assikurat li jkun intrabat mal-assikuratur li jwettaq l-obbligi naxxenti mill-kondizzjonijiet tal-polza.

[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2005.

Infatti, kif gja` nghad, il-fondament guridiku tal-azzjoni ghad-danni odjerna, in kwantu diretta lejn il-konvenut Scicluna, huwa t-trasferiment lilu tal-vettura assigurata f'isem il-konvenut Camilleri bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni tal-istess vettura, liema trasferiment is-socjeta` attrici ssostni li jaghti lok ghal dritt ta' rifuzjoni tad-danni li hija giet kostretta li thallas lil terzi in virtu` tal-obbligi legali taghha naxxenti mill-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Konformament, fil-konfront tal-konvenut Scicluna, jezisti rapport guridiku intrinsiku mal-kuntratt ta' assigurazzjoni li tifforma l-bazi tal-azzjoni odjerna.

In propositu ghal din ir-rabta kontrattwali mhux diretta, din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Cutalex Tourist Company Ltd vs Pamela Rose Wathen pen et**[6], fejn gie ritenut hekk:-

*"Illi huwa magħruf li l-artikolu 2156(f) jgħodd għal żewġ għamliet ta' azzjonjiet li jitkellmu dwar krediti: dawk dwar krediti ewlenin jew prinċipali (fejn is-somma mitluba hija l-ħlas tal-obbligazzjoni nnifisha) jew krediti aċċessorji mitluba fis-sura ta' somma flus (fejn l-obbligazzjoni ewlenija tkun rabta kuntrattwali ta' xort oħra)."*

Oltre dan kollu, il-Qorti tqis ulterjorment li l-fatt wahdu li l-konvenut Scicluna f'din il-kawza jikkontesta t-talbiet attrici ghall-hlas billi *inter alia* jichad li kien hemm ksur tal-polza u jinvoka l-validita` tal-kopertura assigurattiva tal-vettura in kwistjoni, huwa l-ahjar manifestazzjoni din ir-rabta kontrattwali bejnu u bejn is-socjeta` attrici.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta l-argument tal-konvenuti li d-danni pretizi mis-socjeta` attrici f'din l-azzjoni fil-konfront tal-konvenut Anthony Scicluna,

[6] Deciza 5 ta' Mejju 2011.

huma danni naxxenti minn culpa akwiljana u konsegwentement, tqis li l-azzjoni ghall-hlas tad-danni hija wahda ghall-hlas tad-danni imnisslin minn nuqqas ta' twettiq ta' obbligi kontrattwali. Stabbilit dan, l-azzjoni odjerna hija necessarjament preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur tal-Artiklu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Kodici Civili u mhux bid-dekors ta' sentejn skont l-Artikolu 2153 tal-istess Kapitolu 16.

Ghaldaqstant, in kwantu l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tinvoka l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta bhala t-terminu preskrittiv tal-azzjoni attrici, din hija infondata u qed tigi michuda.

## 2. Minn Meta Jibda Jiddekorri z-Zmien ghall-Preskrizzjoni

It-tieni binarju tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, jesigi li jigi stabbilit minn liema data jiskatta d-dekorriment tat-terminu ta' hames snin ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16.

Fit-trattazzjoni orali, id-difensur tal-konvenuti fisser li z-zmien ghall-preskrizzjoni ghandu jitqies li beda jghaddi mhux mid-data tal-lodo arbitrali tat-12 ta' Marzu 2012 li kkundanna lis-socjeta` attrici thallas id-danni sofferti mit-terz, izda mid-data tal-ksur tal-polza bit-trasferiment tal-vettura lill-konvenut Scicluna jew, fl-ahjar ipotesi ghas-socjeta` attrici, mid-data tal-incident awtomobilistiku tal-11 ta' Marzu 2006. Huwa sostna li huwa minn dakinhar tas-sinistru li nissel id-danni li finalment kellha thallas is-socjeta` attrici minhabba l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura IBJ-358, li skatta l-obbligu tas-socjeta` attrici ghall-hlas tad-danni lit-terz, liema hlas qieghda tittenta tirkupra minghand il-konvenuti f'din l-azzjoni.

Gie sottomess ukoll fir-rigward, illi minkejja l-fatt illi s-socjeta` attrici kienet diga`, fis-sena 2006, gharrfet lill-konvenut Camilleri (i) bl-allegat ksur tal-polza, (ii) bil-konsegwenti nuqqas ta' kopertura ghall-finijiet tal-hlas tad-danni talvolta dovuti lit-terz minhabba l-incident tal-11 ta' Marzu 2006, kif ukoll (iii) bl-intenzjoni taghha li ma tonorax l-obbligi kontrattwali u li titlob rifuzjoni tal-ammont li setghet tigi kkundannata thallas abbazi tal-polza, hija baqghet qatt ma hassret jew talbet il-kancellament tal-polza, tant illi l-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenuti ghall-hlas ta' dan l-ammont, kien ghaxar snin wara l-incident permezz tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 2016[7].

Da parti taghha, is-socjeta` attrici waqt it-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni, sostniet tramite d-difensur taghha illi z-zmien ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni taghha ghar-rifuzjoni tal-ammont li giet kostretta thallas bil-kundanna fil-lodo arbitrali moghti fil-proceduri ghal-arbitragg M1145/2007, beda jiddekorri mid-data tal-hlas li hija effettwat lid-danneggjat bis-sahha ta' dik il-kundanna. Gie sottomess in propositu li billi s-socjeta` attrici bhala mharrka fil-proceduri arbitrali flimkien mal-konvenuti odjerni, ikkontestat formalment ir-responsabbilita` taghha li thallas lit-terz danneggjat, ma jistax jinghad *a priori* li kienet sejra tigi kkundannata ghall-hlas bl-ezitu ta' dak l-arbitragg. In sostenn ta' dan l-attrici fissret illi fl-ammont komplessiv reklamat fl-azzjoni odjerna, hemm kompriz l-ispejjez tal-proceduri ghall-arbitragg M1145/2007 kif ukoll l-imghax li l-lodo arbitrali ordna li jithallas lit-terz danneggjat, u huwa ghalhekk bla siwi l-argument tal-konvenuti li t-terminu ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni ghar-rifuzjoni kontra l-konvenuti kellu jiskatta mid-data tal-incident jew tal-ksur tal-polza, meta l-ammont dovut lis-socjeta` attrici ma kien ghadu la likwidat u kwindi lanqas dovut.

[7] Fol. 33 *et seq*.

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni li ghandha ghalhekk tigi rizolta f'dan l-istadju hija minn meta beda miexi z-zmien ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni tas-socjeta` attrici ghar-rizarciment tal-ammont li giet ikkundannata thallas lit-terz danneggjat. Hi norma generali kontenuta fl-Artikolu 2137 Kodici Civili illi:-

*"Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha dik l-azzjoni tmiss".*

Fic-cirkostanzi, il-Qorti mill-ewwel tghid li hija tal-fehma li t-terminu ta' hames snin ma setax jibda jiddekorri qabel is-socjeta` attrici giet ikkundannata thallas somma rapprezentanti d-danni sofferti mit-terz danneggjat, l-imghax dekorrut fuq dan l-ammont u l-ispejjez tal-proceduri fejn gie deciz il-mertu tal-vertenza dwar il-htija ghall-incident u r-responsabbilita` ghall-hlas tad-danni konsegwenzjali.

Din il-konkluzjoni hija fondata fuq il-konsiderazzjoni li meta azzjoni partikolari tkun subordinata ghal azzjoni ohra, ma tistax tiskatta l-preskrizzjoni sakemm ikun hemm ezitu finali fl-azzjoni l-ohra. In propositu, il-Qorti ta' l-Appell, fid-decizjoni taghha tal-1 ta' Gunju 1959 fil-kawza fl-ismijiet **Paolo Koludrovich vs Carmelo Muscat**, qalet hekk:-

*"Se l'esercizio di una azione dipende dall'esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo giudizio costituisce legale impedimento all'esercizio del diritto, e sospende la prescrizzione" (Fadda, art. 2120, no. 120. Ara wkoll ibid. Art. 2119, nri. 11, 17, 53, 103, 122).*

Il-pozizzjoni guridika dwar is-sospenzjoni tal-preskrizzjoni f'certi kazijiet fejn id-dritt ta' azzjoni titwieled minn sentenza, giet imfissra mill-Qorti tal-Appell

fis-sentenza fl-ismijiet **Xuereb v. Zammit**, deciza fid-9 ta' Marzu 1994, fejn intqal hekk:-

*"... meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi illi l-azzjoni gudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliciment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.*"

Dan l-istess insenjament gie ribadit fis-sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Eleni Papadopoulou nomine vs Eridan Shipping Limited et**[8] fejn gie applikat dan il-principju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta' azzjoni tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament iehor. Fil-precitata sentenza intqal hekk b'referenza ghall-kazistika citata mill-attur nomine biex jirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li giet sollevata:-

*"Fl-ahhar kaz kienet ezaminata talba minn kerrej kontra sid il-kera li hallas kera zejda u talab rifuzjoni in segwitu ta' l-iffissar tal-kera gusta. F'dak il-kaz l-inkwilin qatt ma seta' jitlob hlas lura ta' kera zejda qabel ma din stess giet iffissata."*

Il-Qorti tqis illi dan ir-ragunament japplika sfiq ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza f'din il-kawza: mill-atti jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet mill-bidu nett minn meta saret taf bl-allegat ksur tal-kundizzjoni fil-polza ta' assikurazzjoni, cahdet ir-responsabbilita` inerenti taghha taht il-polza, u kienet intiza li ma tonorax l-obbligi taghha taht il-polza u tevita l-hlas lit-terz danneggjat, tant illi kienet anke interpellat lill-Motor Insurers' Bureau b'ittra tas-6 ta' Ottubru

[8] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 6 ta' Mejju 2010, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2014.

2006[9]. Huwa minnu wkoll li s-socjeta` attrici kienet ikkontestat il-proceduri ta' arbitragg M1145/2007, li fihom il-konvenuti odjerni kienu wkoll imharrkin flimkien mas-socjeta` attrici, billi cahdet formalment ir-responsabbilita` taghha bhala l-assiguratur ghall-finijiet tal-Kapitolu 104 minhabba l-ksur tal-polza, u kkontestat ukoll il-*quantum* tad-danni pretiz mit-terz danneggjat fl-istess proceduri. F'dawn ic-cirkostanzi, jirrizulta li sakemm ma gietx ikkundannata direttament bil-lodo arbitrali li thallas lit-terz danneggjat bhala l-assiguratur taht il-polza in kwistjoni ai termini tal-Kapitolu 104 u giet michuda l-eccezzjoni taghha *inter alia* li ma kienx hemm kopertura assikurattiva fuq il-vettura IBJ-358 minhabba ksur tal-polza, is-socjeta` attrici kienet impeduta milli tagixxi kontra l-konvenuti odjerni ghar-rizarciment ta' dak l-ammont li, wara kollox, gie likwidat u hija giet ikkundannata li thallas, biss bid-decizjoni fil-proceduri arbitrali[10].

Dan ifisser illi f'dan il-kaz, l-ezercizzju tal-azzjoni odjerna ghar-rizarciment tad-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba allegat inadempiment kontrattwali tal-konvenuti, kienet tiddependi mill-pronunzjament tar-responsabbilita` taghha u l-likwidazzjoni tad-danni fil-proceduri arbitrali u allura ma setax qabel jibda miexi l-perjodu preskrittiv. F'dan il-kaz, ghalhekk jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tigi mibdija l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt, liema principju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitur*. In propositu l-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jghallmu li:

"*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere…*[11]

[9] Dok. CSH5.
[10] Tal-istess fehma kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **GasanMamo Insurance Limited vs Mario Seguna et**, deciza 9 ta' Marzu 2016.
[11] Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap. XII. Par 364 pag 279.

Huwa sinfjikanti wkoll li jigi osservat illi, kif tajjeb issottomettiet is-socjeta` attrici, fl-ammont reklamat f'dawn il-proceduri hemm kompriz, oltre ghad-danni li gew kwantifikati li soffra t-terz danneggjat, l-imghax fuq id-danni likwidati kif ukoll l-ispejjez tal-istess proceduri li l-istess attrici giet ikkundannata thallas, liema ammonti ma setghu qatt gew determinati, *multo magis* mitluba, qabel id-determinazzjoni tal-vertenza dwar ir-responsabbilita` ghall-hlas tad-danni subiti fl-incident stradali *de quo*. Din il-konkluzjoni hija msahha wkoll bl-osservazzjoni li anke kieku ghall-grazzja tal-argument is-socjeta` attrici pprocediet ghar-rivalsa kontra l-konvenuti qabel giet deciza l-kawza dwar ir-responsabbilita` ghall-incident u ghall-hlas tad-danni sofferti mit-terz, il-*quantum* tad-danni subiti mill-attrici ma setax jigi kwantifikat qabel id-decizjoni fil-kawza dwar il-mertu u ghalhekk, fi kwalsiasi kaz, din l-azzjoni kellha tistenna l-ezitu tal-proceduri arbitrali.

Izda l-Qorti thoss li ghandha tissenjala wkoll li dan kollu ma jfissirx li s-socjeta` attrici ma setghetx qabel gew decizi l-proceduri arbitrali, tinterpella lill-konvenuti bl-intendiment taghha li tipprocedi fil-konfront taghhom. Fic-cirkostanzi, ma kien hemm assolutament xejn xi jzomm lir-rikorrenti milli jinterpellaw ufficjalment lill-konvenuti preventivament bir-responsabbilita` taghhom, anke jekk hassew li kien utli li qabel ma jintavolaw il-kawza odjerna, jistennew l-ezitu l-proceduri arbitrali.

Biex tindirizza wkoll is-sottomissjonijiet tal-konvenuti fir-rigward, il-Qorti tqis li m'huwiex sostenibbli l-argument li t-terminu preskrittiv seta' jibda jiddekorri minn meta sehh l-allegat ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza jew meta nibtu r-rizervi tas-socjeta` attrici dwar ir-responsabbilita` taghha ghall-kopertura assikurattiva tal-vettura IBJ-358, ghaliex hija l-preskrizzjoni ghad-danni extra-kuntrattwali cioe` dik kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili li tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu

jidderiva d-dannu, u mhux il-preskrizzjoni ghad-danni kontrattwali, li hija dik applikabbli ghall-azzjoni odjerna. Ghall-istess ragunijiet hija wisq inqas siewja s-sottomissjoni li z-zmien biex titressaq din l-azzjoni, beda jghaddi mid-data tal-incident awtomobilistiku.

In konkluzjoni, huwa relevanti li jigi senjalat ukoll li l-Qorti ma taqbilx mas-socjeta` attrici fis-sottomissjoni taghha li z-zmien ghall-ezercizzju ta' din l-azzjoni jibda miexi mid-data meta s-socjeta` attrici effettivament hallset lit-terz danneggjat l-ammont dovut b'effett tal-kundanna fil-lodo arbitrali. Dan ghaliex kif inghad, hija l-kundanna definittiva u mhux id-decizjoni tal-parti telliefa dwar meta ghandha thallas l-ammont likwidat u ordnat[12], li tiskatta l-jedd ta' rivalsa kontra l-assikurat taghha u dan skont il-principju generali enuncjat mil-Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16. Altrimenti x-xelta tal-bidu tal-moghdija taz-zmien tkun tiddependi mir-rieda tas-socjeta` attrici cioe` minn meta tiddeciedi li teffettwa l-hlas, li zgur ma jista' qatt kien l-intendiment tal-legislatur li jrid ic-certezza fit-relazzjonijiet guridici. It-test ghandu jkun wiehed oggettiv u mhux suggettiv.

Ikkunsidrat;

Stabbilit ghalhekk li z-zmien tal-preskrizzjoni applikabbli ta' hames snin beda miexi mit-12 ta' Marzu 2012, cioe` d-data tal-kundanna tas-socjeta` attrici bil-lodo arbitrali ghall-hlas tad-danni llum reklamata f'din l-azzjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tqis jekk dan it-terminu kien diga` ghadda meta giet intavolata l-azzjoni odjerna. Jirrizulta li filwaqt li l-pronunzjament tar-responsabbilita` tas-socjeta` attrici bhala l-assikuratur koncernat u l-kundanna taghha ghall-hlas tad-danni lit-terz sar permezz tal-lodo arbitrali tat-12 ta' Marzu 2012[13], ir-

[12] Jigi osservat li ma jirrizultax mill-atti d-data attwali tal-hlas mis-socjeta` attrici lit-terz danneggjat.
[13] Ma ngabet ebda prova li dan il-lodo arbitrali gieappellat.

rikors promotur f'din l-azzjoni gie pprezentat fil-25 ta' Awwissu 2017, iktar minn hames snin wara.

Madanakollu, is-socjeta` attrici ressqet il-prova li dan iz-zmien ma kienx ghadu nghalaq u gie validament interrott bl-interpellazzjoni gudizzjarja tat-13 ta' Gunju 2016[14], debitament notifikata liz-zewg konvenuti fl-20 ta' Gunju 2016. B'din l-ittra ufficjali, is-socjeta` attrici filwaqt li ghamlet referenza ghall-allegat ksur tal-polza u l-lodo arbitrali li kkundannaha thallas lit-terz danneggjat, sejhitilhom biex ihallsu s-somma ta' €8,592.38 li giet reklamata f'din il-kawza. Konformament, iz-zmien ghall-preskrizzjoni rega' beda jiddekorri mill-gdid mid-data tal-imsemmija interruzzjoni b'dan illi evidentement, iz-zmien ghall-ezercizzju tal-azzjoni attrici, mibdija ftit iktar minn sena wara, kien ghadu ma ghalaqx.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt li tqis li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kontemplata mill-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-azzjoni ma waqghetx bil-preskrizzjoni u konsegwentement qieghda tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti billi tichadha, u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jigu sopportati mill-konvenuti.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[14] Vide ittra ufficjali a fol. 33 *et seq*.